Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 15/16

**Grezzju Patiniott (appellat)**

**vs**

**Automated Revenue Management Services Ltd C46054 (appellanti)**

27 ta' Jannar, 2020.

1. Fl-avviż tiegħu ippreżentat fit-12 ta' Diċembru 2014 fiċ-Centru Malti tal-Arbitraġġ, Grezzju Patiniott talab li s-soċjeta` Automated Revenue Management Services Ltd tkun ikkundannata tħallsu lura s-somma ta' **€5,250** (jew ammont ieħor verjuri) li kellu jħallas mingħajr l-appellanti ma kellha jedd għalihom. Spjega:

*Illi s-servizz tad-dawl u ilma kienu effettivament ġew sospiżi mis-soċjeta` intimata fuq talba tal-esponent f'Lulju 2011, u wara li l-esponent kien intalab mis-soċjeta` intimata jħallas is-somma ta' **€70** in linea ta' discontinuation fee u **€250** in linea ta' arretrati ta' dawl u ilma li kien inizjalment dovut minn Mark Lawrence Desira.*

*Illi sussegwentement is-soċjeta` intimata reġgħet integrat is-servizz tad-dawl u ilma fuq sempliċi talba li kien għamel l-inkwilin Mark Lawrence Rizzo, bil-konsegwenza li dan tal-aħħar tella' kont fl-ammont ta' **€5,250** mingħajr ma ħallsu.*

*Illi s-soċjeta` intimata matul il-perjodu li l-imsemmi fond dam fil-pussess ta' dan il-persuna ma għamlet xejn biex tiġbor il-ħlas mingħand Mark Lawrence Rizzo.*

*Illi in oltre l-esponent huwa proprjetaru ta' fondi urbani oħra u għalhekk talab li jingħat s-servizz ta' dawl u ilma f' dawn il-fondi l-oħra sabiex ikun jista' jikri l-imsemmija fondi.*

*Illi s-soċjeta` imtimata ċaħdet illi taċċetta u tipproċessa tali applikazzjonijiet ġodda stante illi skont hi, l-esponent ma kienx ħallas is-somma ta' **€5013** in konnessjoni mal-kont numru 101000029788.*

*Illi l-esponent sabiex jimminimizza d-danni li huwa kien qiegħed isofri minħabba l-aġir tas-soċjeta` intimata għażel li jħallas dan l-ammont ta' **€5013** taħt protesta filwaqt illi irriserva d-drittijiet kollha spettnti lilu skont i-liġi, inter alia lii jitlob rifużjoni lura tal-ħlas minnu magħmul indebitament u għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni.*

*Illi l-esponent qiegħed jitlob ir-rifużjoni tas-somma kumplessiva ta' **€5,013** li kien kostrett iħallas sabiex jiimminimizza d-danni li huwa kien qiegħed isofri u liema ammont jew ammont ieħor verjuri tħallsu mill-esponent indebitament".*

2. <u>Fir-risposta tagħha</u> ppreżentata fit-12 ta' Jannar 2015 l-appellanti ċaħdet l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent u sostniet li d-dejn magħmul minnu bħala *account holder* fuq il-kont numru 101000028788 fl-ammont ta' **<u>€5,250</u>** (jew ammont ieħor verjuri) huwa wieħed ċert, likwidu u dovut da parti tiegħu u jirrappreżenta konsum ta' dawl u ilma. Hija talbet is-segwenti:

   *1) Dikjarazzjoni li ma kienx hemm arrikkiment indebitu da parti tas-soċjeta` intimata għad-dannu tar-rikorrent irreġistrat magħha bħala account holder, permezz tal-ħlas tal-konsum fuq il-kont bin-numru 101000028788, ladarba ġie stabbilit li l-konsum kemm tad-dawl u kif ukoll tal-ilma fil-fatt sar;*

   *2) Dikjarazzjoni li s-soċjeta` intimata m'għandha tinkorri l-ebda spejjeż, kemm dawk legali, ġudizzjarji, jew xi spejjeż oħra relatati; u*

   *3) Tordna lir-rikorrent, sabiex iħallas l-ispejjeż legali u ġudizzjarji, fosthom il-kontro-protest wara l-protest ġudizzjarju li sar minnu stess bin-numru 435/2014 tad-9 ta' Ottubru 2014 li inkorriet is-soċjeta` intimata inutilment.*

3. <u>F'deċiżjoni tal-25 ta' Mejju 2016</u>, l-Arbitru Dr Philip Manduca laqa' t-talba tar-rikorrent għar-rifużjoni tas-somma ridotta ta' **<u>€4,605.67[1]</u>** imħallsa minnu indebitament. Kwantu għat-talba tiegħu għall-ħlas ta' danni, ġiet miċħuda minħaba nuqqas ta' provi. Bl-ispejjeż u imgħax mit-12 ta' Diċembru 2014 kontra "Arms Ltd".

4. <u>Fid-9 ta' Ġunju 2016 Arms Ltd appellat mid-deċiżjoni.</u> **<u>L-aggravji huma:</u>**

   (i) <u>Fl-ewwel lok</u> taċċenna għall-fatt li "*Arms Ltd*" (kif indikata fl-okkju tal-lodo arbitrali) ma teżistix, u konsegwentement tissottometti li hija, li ġġib l-isem ta' "*Automated Revenue Management Services Ltd*" għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

   (ii) <u>Fit-tieni lok</u> tilmenta li l-Arbitru għamel apprezzament ħażin tal-provi fuq żewġ binarji u cjoe':

[1] Peress li r-rikorrent iddikjara li ma kienx qed jipponi li kellu jħallas għall-kera tal-meters (li jammontaw għal €407.33) l-Arbitru naqqas dan l-ammont mis-somma ta' €5,013.

(a) meta qal li kien hemm "ftehim" bejnha u bejn ir-rikorrent li ma tipprovdix is-servizz; u

(b) meta qal li hija kienet f'pożizzjoni li tassikura b'mezzi effettivi, li ma jkunx hemm provvista.

(iii) <u>Fit-tielet lok</u> targumenta li ma kienx hemm raġunijiet validi fil-liġi li fuqhom kellha tinstab responsabbli u mitluba tirrifondi lura l-ammont dovut.

5. L-appellat Grezzju Patiniott fis-7 ta' Novembru 2019 wieġeb biex jgħid għaliex id-deċiżjoni arbitrali hija ġusta u timmerita konferma, bl-ispejjeż kontra s-soċjeta` intimata appellanti.

6. Fis-seduta tas-16 ta' Diċembru 2019 quddiem din il-qorti l-Avukat Dr Victor Bugeja, id-difensur tar-rikorrent, talab korrezzjoni fl-Arbitration Award fis-sens li isem is-soċjeta` intimata għandu jaqra "*Automated Revenue Management Services Ltd*" (flok "*Arms Ltd*"). L-Avukat Dr Ryan Ellul, id-difensur tal-intimata m'opponiex għat-talba. **Għalhekk mhux il-każ li din il-qorti tqis l-ewwel aggravju u ser tikkunsidra biss it-tieni u t-tielet aggravji**.

**<u>PROVI (dokumenti).</u>**

Sabiex wieħed jifhem aħjar il-kwistjoni, issir riferenza għas-segwenti dokumenti li hemm fl-atti:

03.05.2011 **<u>Dok MGP</u>**: Ir-rikorrent ħallas il-kont tad-dawl u l-ilma fl-ammont ta' **€441.08** għall-perjodu 28.11.2010 - 02.02.2011 maħruġ mis-soċjeta` intimata rigwardanti l-appartament in kwistjoni. (Fuq l-istess kont fil-fatt jidher it-timbru tal-Maltapost bid-data tat-03.05.2011; inħarġet ukoll riċevuta mill-Maltapost fir-rigward).

Fuq l-istess kont Grezzju Patiniott kiteb (mhux magħruf meta intbagħtet):

> "*Jiena Grezzju Patiniott, nitob li l-provvista tad-dawl tiġi sospiża u tingħatax lura sakemm ma jsirx il-ħlas kollu plus il-€140 reconnection fee.*
>
> *____(firma)____*
>
> *Grezzju Patiniott – 953548M*'

| | |
|---|---|
| Lulju 2011 | Fuq rikjesta bil-miktub da parti tar-rikorrent sabiex jinqata' s-servizz tad-dawl u l-ilma, **il-provvista inqatgħet** (dan jirriżulta anke mill-kontenut tal-kontro-protest tas-soċjeta` intimata). |
| 25.11.2011 | Ir-rikorrent kiteb **email** lis-soċjeta` intimata fejn infurmaha li minkejja li kien talabha taqta' d-dawl fl-appartament in kwistjoni, kien sar jaf li l-appartament "*misterjożament*" għandu d-dawl imqabbad normali |
| 14.12.2011 | Is-soċjeta` intimata bagħtet **email** lir-rikorrent fejn infurmatu li biex jevita jħallas il-konsum tad-dawl, seta' japplika sabiex jitneħħa l-arloġġ tad-dawl. |
| 14.12.2011 | Ir-rikorrent kiteb lis-soċjeta` intimata fejn qalilha li ma jistax jifhem kif qed tissuġġerilu jaqla' l-arloġġ; insista li kellha tinvestiga kif l-appartament reġa' ġie provdut bis-servizz nonostante li kien ġie maqtugħ fuq talba tiegħu. |
| 20.12.2012 | Dok MGP11**:** Din hija ittra li permezz tagħha s-soċjeta` intimata avżat lir-rikorrent li jekk fi żmien sebat ijiem ma kienx ser iħallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma pendenti, fl-ammont ta' **€2,042.25**, kienet ser tipproċedi biex tissospendi l-istess servizzi. Infurmatu li l-provvista tkun tista' terġa tingħata lura hekk kif l-ammont jitħallas kollu, u miegħu jitħallas ukol ll-ammont ta' €140 bħala *reconnection fee.* |
| 07.03.2013 | Dok MGP10: Reminder mibgħuta mis-soċjeta` intimata lir-rikorrent biex tinfurmah li l-kont pendenti kien tela' għal **€2,768.48** |
| 18.04.2013 | Ir-rikorrent bagħat **email** lis-soċjeta` intimata fejn qalilha li jinsab ferm diżappuntat li l-kont kien tela' għal **€3,346.03** meta hu stess kien ħallas biex id-dawl jiġi maqtugħ. Infurmaha ukoll li minkejja l-ittri li kien irċieva f' Diċembru 2012 u f' Marzu 2013 fejn avżatu li kienet ser taqta' d-dawl fin-nuqqas ta' ħlas tal-kont pendenti, il-provvista baqgħet ma inqatgħetx. Fili-fatt talab "*b'ordni immedjata li jinqata' d-dawl, nitlobkom tħallux jitla' iktar il-kont.*" |
| 02.05.2013 | Is-soċjeta` intimata bagħet **email** lir-rikorrent fejn infurmatu "*illi qtugħ tas-servizz m'għadux isir…Sabiex jieqaf is-servizz hemm bżonn li l-arloġġi jiġu maqlugħa mill-post billi jimtlew dawn il-formoli mehmuża flimkien ma' din l-email. Jekk jogħġbok kuf af illi sabiex jinqalgħu l-arloġġ il-pendenti fuq il-kont irid ikun imħallas.*" |
| 31.05.2013 | Dok MGP12: Din hija ittra li permezz tagħha s-soċjeta` intimata avżat lir-rikorrent li jekk fi żmien sebat ijiem ma kienx ser iħallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma pendenti, fl-ammont ta' **€3,954.19**, kienet ser tipproċedi biex tissospendi l-istess servizzi. Infurmatu li l-provvista tkun tista' terġa tingħata lura hekk kif l-ammont jitħallas kollu, u miegħu jitħallas ukol ll-ammont ta' €140 bħala *reconnection fee.* |
| 19.06.2013 | Dok MGP10a: Reminder mibgħuta mis-soċjeta` intimata lir-rikorrent biex tinfurmah li l-kont pendenti kien tela' għal **€3,973.87** |
| 19.07.2013 | Dok MGP9: Reminder (Final notice: suspension to follow) mibgħuta mis-soċjeta` intimata lir-rikorrent biex tinfurmah li l-kont pendenti kien tela' għal **€4,256.47** |
| 21.04.2014 | Dok MGP8: Din hija ittra li permezz tagħha s-soċjeta` intimata **infurmat lir-rikorrent li minħabba kontijiet mhux imħallsa li jammontaw għal €4,833.18 kienet fil-fatt issospendiet is-servizz tad-dawl u tal-ilma**. Infurmatu li l-provvista tkun tista' terġa tingħata lura hekk kif l-ammont jitħallas kollu, u miegħu jitħallas ukol ll-ammont ta' €140 bħala *reconnection fee.* |
| 15.06.2014 | Dok VB4: Kont għall-perjodu 28.03.2014 sa 12.05.2014 – fl-ammont ta' **€5013** |
| 19.07.2014 | Dok MGP5: Ittra li permezz tagħha d-difensur tar-rikorrent informa lis-soċjeta` intimata li l-istess rikorrent m'għandux ikun kostrett iħallas l-arretrati li |

akkummulaw meta huwa kien effettivament talab is-sospenzjoni tas-servizz, u li *reconnection* saret mingħajr l-awtorizzazzjoni tiegħu. **Għalhekk talabhom jiġbru s-somma pretiża mingħand l-inkwilin Mark Lawrence Rizzo, u biex b'effett immedjat jikkonnettjaw is-servizz mill-ġdid.**

| | |
|---|---|
| 31.07.2014 | Dok VB7: Ittra li permezz tagħha s-soċjeta` intimata infurmat lid-difensur tar-rikorrent li hija iżżomm lil sid il-kont bħala l-persuna responsabbli għal kull ammont dovut, u li servizz li jiġi disconnected jiġi integrat biss jekk jitħallas l-ammont pendenti u €140 bħala *reconnection fee.* |
| 02.09.2014 | Dok MGP14: Ittra miktuba mir-rikorrent (mhux indikat lil min hija indirizzata) fejn *inter alia* jilmenta li minkejja li f' Lulju 2011 kien ħallas il-kont pendenti u anke d-*disconnection fee* relattivi għall-appartament in kwistjoni, id-dawl kien reġa' ingħata bil-konsegwenza li l-kont tela' għal **€5000**. |
| 03.09.2014 | Dok MGP6: Ittra li permezz tagħha d-difensur tar-rikorrent għarraf lis-soċjeta` intimata li bil-fatt li huwa qed jiġi preluż milli japplika għall-meters f' erba fondi oħra qed isofri danni kbar konsistenti f' telf ta' kirjiet, u għalhekk avżaha biex tirregola ruħha. |
| 02.10.2014 | Dok MGP7: Ittra li permezz tagħha d-difensur tar-rikorrent informa lis-soċjeta` intimata li huwa kien qed jibgħatilha **bank draft** fl-ammont ta' **€4842.03** taħt protesta u b'riserva tad-drittijiet tiegħu taħt il-liġi biex jitlob rifużjoni tal-ammont li qed ikun imħallas indebitament u taħt pressjoni. |
| 03.10.2014 | Ricevuta maħruġa mis-soċjeta` intimata fuq isem ir-rikorrent għall-ħlas ta' **€4,744.92** u **€97.11,** rigwardanti l-kont pendenti. |
| 09.10.2014 | Dok MGP8a: **Protest** tar-rikorrent, fejn interpella lis-soċjeta` intimata biex tirrifondi lura s-somma ta' **€5013** jew parti minnha in linea ta konsum li sar ad insaputa tiegħu, u biex taċċetta l-intavolar ta' applikazzjonijiet ġodda in konnessjoni ma' fondi oħra. |
| 18.10.2014 | Intbagħtet **email** minn Antonella Axisa (mid-Debt Management Department tas-soċjeta` intimata) lid-difensur tas-soċjeta` intimata stess Dr Stephanie Abela (minn Micallef & Ellul Advocates) fejn għamlet lista tal-fatti kif ġraw (dan ovvjament biex tissupplixxiha bl-informazzjoni sabiiex tirrispondi għall-protest) – sottolinejar ta' din il-qorti: |

| | |
|---|---|
| *Mid 2011* | *request by Patiniott to disconnect service and paid all dues (handwritten declatation attached)* |
| *July 2011* | *supply disconnected* |
| *Nov 2011* | *email from Patiniott claiming that although he requested disconnection supply still on* |
| *Dec 2011* | *reply to customer to remove meters* |
| *Jan 2013* | *disconnection carried out on Arms instructions since it results that it was illegally reconnected* |
| *April 2013* | *another request from customer to disconnect* |
| *May 2013* | *suspension carried out on ARMS instructions* |
| *April 2014* | *suspension carried out again on Arms instructions since it resulted that it was illegally reconnected* |
| *July 2014* | *letter from Dr Victor Bugeja claiming that his client is refusing to pay for arrears since he requested disconnection way back in July 2011* |

| | |
|---|---|
| *Sept 2014* | *customer applied for the interest scheme of 2 months* |
| *Oct 2014* | *customer paid the full amount and therefore supply reconnected as authored by Arms in view of payment* |

*Also attached please find a statement of account where the €70 charges listed refer to the disconnection and reconnection charges. The first €70 dated 25.07.2011 raised upon disconnection on customer request, other €70 relates to reconnection (illegal) and disconnections. The last 2 €70 refer to Arms authorisation to reconnect.*

24.10.2014 Dok MGP9a: **Kontro-protest** tas-soċjeta` intimata fejn ċaħdet l-allegazzjonijiet u pretenzjonijiet magħmula fil-protest. Aċċennat għall-fatt li l-leġittimu debitur tagħha dejjem kien ir-rikorrent. Spjegat li wara li huwa kien talab is-sospenzjoni tas-servizz tad-dawl u tal-ilma f' Lulju 2011 hija fil-fatt issospendietu. Qalet li ma sar l-ebda reconnection ieħor bl-għarfien tagħha u wisq anqas fuq talba ta' xi inkwilin li kien qed joqgħod fl-appartament. Qalet li kien biss wara li r-rikorrent allega li l-inkwilin kien ingħata s-servizzi minnha li hija kienet mgħarrfa li l-konsum tad-dawl u tal-ilma kien qed isir minn terzi u mhux mir-rikorrent. Enfasizzat li hija ma setgħetx titlob ħlas mingħand terzi għaliex ir-relazzjoni ġuridika kienet bejnha u bejn ir-rikorrent.

**PROVI (xhieda):**

7. Ir-rikorrent Grezzju Patiniott fix-xiehda tiegħu tas-17 ta' Marzu 2015 xehed li huwa penzjonant u jgħix mill-kirjiet tal-appartamenti li għandu. Spjega li wieħed minn dawn l-appartamenti huwa *Kim Flats/6*, Triq il-Misk, Fgura li fiż-żmien tal-vertenza kien mikri lil ċertu Mark Rizzo. Qal li skont il-kuntratt tal-kera Rizzo kien intrabat li jħallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma iżda fil-fatt ma kienx qed iħallashom, u għalhekk kien qabbad lil bintu Marcelle Grech Patiniott tirrikorri għand is-soċjeta` intimata u titlobhom jaqtgħu id-dawl. Qal li s-soċjeta` intimata fil-fatt qatgħet id-dawl f' dan l-appartament iżda "*reġgħu qabbduhulu mingħajr il-kunsens tiegħi.*" Żied jgħid li kien tela' kont ta' €5,013, u spjega li r-raġuni għaliex kien ħallas dan l-ammont lis-soċjeta` intimata kienet proprju għaliex kienet avżatu li jekk ma jagħmilx hekk hija ma kinitx ser tipprovdilu servizz ta' dawl u ilma f' appartamenti oħra li għandu.

8. Fl-aħħar seduta (tal-15 ta' Jannar 2016) id-difensur tar-rikorrent iddikjara li l-istess rikorrent kien lest li jħallas għall-kiri tal-*meters* in konnessjoni mad-dawl u l-ilma bejn l-2011 u l-2014, ċioe` bejn l-ewwel "*disconnection*" u ir-"*reconnection*" tal-2014.

9. <u>Marcelle Grech Patiniott</u>, (bint ir-rikorrent) xehdet fit-22 ta' April 2015 u wkoll fil-25 ta' Mejju 2015. Hija spjegat li kienet tieħu ħsieb l-appartamenti li jikri missierha. Qalet li f'Settembru 2010 kien daħal bħala inkwilin ċertu Mark Lawrence Rizzo fl-appartament *Kim Flats/6*, Triq il-Misk, Fgura. Spjegat li l-kont tad-dawl u l-ilma kien fuq isem missierha Grezzju Patiniott, iżda l-inkwilin beda ma jħallasx. Qalet li missierha għalhekk ried li l-provvista tiġi sospiża. Qalet li f'Lulju 2011 hi u missierha flimkien ma' Dr Noel Cutajar kienu marru għand is-soċjeta\` intimata, ħallsu €250 rappreżentanti l-bilanċ pendenti u €70 rappreżentanti d-*disconnection fee* u konsegwentement inqata' d-dawl, kif kienu ikkonfermawlha xi residenti tal-blokk. L-għada fil-għodu pero\` infurmawha li l-inkwilin kellu d-dawl. Qalet li baqgħu jilmentaw mas-soċjeta\` intimata, u għalhekk reġgħet qatgħet id-dawl, iżda imbagħad il-provvista ġiet integrata. Hija għamlet riferenza għall-korrispondenza li kellhom mas-soċjeta\` intimata (ara supra). Enfasizzat li mill-*istatements* irriżulta li huma ġew iċċarġjati €70 diversi drabi f'dati differenti.

10. <u>Anthony Gatt</u> (mis-soċjeta\` intimata, prodott mir-rikorrent) fix-xiehda tiegħu tal-25 ta' Mejju 2015 xehed li jaħseb li f' Lulju 2011 kien hemm xi *requests* da parti tar-rikorrent jew xi ħadd f'ismu biex jinqata d-dawl. <u>Qal li d-dawl kien ġie sospiż f'Lulju 2011</u>. Kompla jgħid li wara dan kienu jibgħatu lin-nies u kienu jsibu li kien hemm provvista, u dan minkejja li la hi u lanqas l-Enemalta ma kienu bagħtu xi talba għal *reconnection*. Spjega li kull darba li kienu jindunaw li hemm provvista, kienu jiċċarġjaw €70 addizzjonali. <u>Qal li din saret erba' darbiet</u>. Qal li *suspensions* b'kollox ħamsa kien hemm. Ikkonferma li f'Ottubru 2014 ir-rikorrent ħallas il-pendenzi u tawh is-servizz b'mod formali: din kienet l-unika "*reconnection*" fejn għaliha bagħtu lin-nies. Qal li ma saritx investigazzjoni biex jaraw għaliex il-provvista kienet terġa' tibda' wara li kienet tiġi mwaqqfa minnha; fil-fatt qal li din mhix ir-rwol tagħha. Qal li ma kinux jibgħatu għar-rikorrent biex ikellmuh fir-rigward. Xehed illi huwa daħal mas-soċjeta\` intimata f'Awwissu 2012. Qal li jaf li qabel din id-data l-Enemalta kienet tippermetti li s-

sid jitlob li jinqata' d-dawl iżda sussegwentement kien hemm deċiżjoni biex dawn ir-*requests* ma jiġux iktar milqugħa.

11. Frederick Azzopardi *(Chairman* tal-Enemalta, prodott mir-rikorrent) fix-xiehda tiegħu tat-13 ta' Ottubru 2015 qal li kien hemm diversi *disconnections* u *reconnections* bejn l-2011 u l-2014 fl-appartament in kwistjoni, inkluż "*illegal reconnections".* Ikkonferma li f'Lulju 2011 kienet saret l-ewwel *disconnection* fuq talba tar-rikorrent Grezzju Patiniott. Spjega li llum il-ġurnata m'għandhomx jaċċettaw tali requests ta' *disconnection.* Qal li huwa jifhem li jekk ikun hemm *disconnection* u sussegwentement jinstab li l-meter kien mixgħul, dan ifisser li jkun tneħħa s-siġill, għaliex meta jkun hemm *disconnection* ikun twaħħal siġill. Qal li ma jidhirlux li kien investiga jekk kienx hemm xi persuni mill-Enemalta li kienu qed jagħmlu *reconnections* illegali. Mistoqsi jekk jiftakarx jekk bint ir-rikorrent kinitx allegat li l-inkwilin kien qed jottjeni għajnuna mill-Enemalta biex jagħmel ir-*reconnections* irrisponda fin-negattiv. Spjega li bħala fatt m'hemmx bżonn għajnuna ta' ħadd biex issir *reconnection*. Spjega li huma jiċċarġjaw *fee* ta' *suspension* u *reconnection* lill-*account holder* għaliex il-ħaddiem imur hemm xorta. Qal li ma jafx jekk is-soċjeta` intimata jew l-Enemalta kinux infurmaw lir-rikorrent bir-*reconnections.*

12. Kontro-eżaminat qal li "*tampering*" tal-meter ifisser li jkun hemm "*unregistered consumption*", iżda f'dan il-każ it-"*tampering*" kien sar mas-siġill u għalhekk ma kienx hemm "*unregistered consumption*". Qal li ma jaċċettawx struzzjonijiet mingħand sid il-kera (biex jinqata' d-dawl) għaliex jista' jkun li dan ikun qed jagħmlu bl-iskop li jkeċċi l-inkwilin; u wkoll għaliex kellhom struzzjonijiet mingħnd il-MRA.[2]

[2] Malta Resources Authority.

**Konsiderazzjonijiet.**

13. Din il-qorti, wara li eżaminat il-provi, wara li rat id-deċiżjoni appellata u wara li qieset l-aggravji tas-soċjeta` intimata appellanti u r-risposta relattiva tar-rikorrent appellat, tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet/ kunsiderazzjonijiet:

- Ir-rikorrent huwa sid l-appartament *Kim Flats/6*, Triq il-Misk, Fgura, u bejn l-2011 u l-2014 (il-perjodu relattiv għall-vertenza odjerna) mikri lil ċertu Mark Lawrence Rizzo.

- Il-provvista tad-dawl u l-ilma fir-rigward tal-appartament in kwistjoni qegħda fuq isem ir-rikorrent Grezzju Patiniott: cioe` huwa l-*account holder*, tant li l-kontijiet jinħarġu fuq ismu u mhux fuq l-inkwilin.

- F'Lulju 2011 ir-rikorrent ħallas il-kontijiet li kienu pendenti sa dak iż-żmien u talab lis-soċjeta` intimata tissospendi s-servizz. **L-appellanti aċċettat it-talba u fil-fatt iċċarġjatu €70 bħala *disconnection fee*. Għalhekk kif irritjena tajjeb l-Arbitru, ir-rikorrent kellu dritt jippretendi li ma jkunx hemm *reconnection* mingħajr il-kunsens tiegħu**.

- Bejn l-2011 u l-2014 invece kien hemm diversi *reconnections* u *disconnections.*

- Assolutament ma jirriżultax li r-*reconnections* saru fuq talba tar-rikorrent, anzi **jirriżulta li kull darba li saret *reconnection* kienet waħda illegali** (dan kif anke tirrikonoxxi s-soċjeta` intimata stess– vide l-*email* ta' Antonella Axisa mid-Debt Management Department tas-soċjeta` intimata).

- M'hemmx prova jew xi indikazzjoni li r-*reconnections* illegali saru mir-rikorrent.

- Tul dan il-perjodu ta' bejn l-2011 u l-2014 ir-rikorrent kien ilmenta mas-soċjeta\` intimata bil-fatt li **nonostante s-sospensjoni ta' Lulju 2011 l-appartament baqa' jkollu s-servizz**, **bil-konsegwenza li l-kontijiet baqgħu telgħin.**

- Il-fatt li żmien wara li sar is-*suspension* formali ta' Lulju 2011 is-soċjeta\` intimata ma baqgħetx taċċetta talbiet għal sospensjoni tas-servizz hu irrilevanti. **F'dan il-każ il-ftehim bejnha u bejn ir-rikorrent kien diġa sar u kien għadu *in vigore***. Għalhekk ma jistax jitqies li r-rikorrent naqas meta wara li kien ilmenta mas-soċjeta\` intimata dwar il-fatt li s-servizz kien għadu qed jingħata, ma mexiex mas-suġġeriment tal-istess soċjeta\` intimata biex jaqla' l-arloġġi mill-appartament li kellu mikri lil Rizzo.

- Jekk huwa daqshekk faċli li bniedem jaqbad u jagħmel *reconnection* billi jbagħbas is-siġilli li jkunu saru mas-sospenzjoni (kif aktarx jidher li għamel illegalment l-inkwilin), l-appellat m'għandux ibati l-konsegwenzi.

- Is-soċjeta\` intimata naqset meta ma investigatx għaliex kien qed jerġa' jiġi *reconnected* (illegalment) is-servizz li hija obbligat ruħha li tissospendi. Minflok ħalliet li ssir l-illegalita' minkejja li l-ftehim li kellha mal-appellant kien li servizz ma jkunx hemm fil-fond in kwistjoni.

- Is-soċjeta\` intimata naqset ukoll meta evidentement qieset li ladarba s-servizz kien ġie *reconnected* (illegalment) allura s-sospensjoni formali tal-2011 ġiet fix-xejn.

- Is-soċjeta\` intimata naqset ukoll meta iċċarġjat lir-rikorrent €70 għal kull *reconnection* li ma saritx bil-kunsens tiegħu.

- **Ir-rikorrent ma kellux iħallas lis-soċjeta\` intimata tal-konsum li sar <u>wara l-ftehim ta' sospensjoni</u> li sar bejniethom f' Lulju 2011** (ħlief għall-kera tal-meters, li fil-fatt ir-rikorrent qed jaċċetta li kellu jħallas).

- Għalkemm ir-rikorrent ħallas il-kont li kien baqa' jitla`, huwa kien **kostrett** li jagħmel dan għaliex fin-nuqqas is-soċjeta` intimata ma kinitx ser tilqagħlu l-applikazzjonijiet tiegħu għal provvista ta' servizz f'appartamenti oħra tiegħu.

14. In vista ta' dan kollu din il-qorti ssib l-appell tas-soċjeta` intimata appellanti kompletament infondat. Il-fatt li kien hemm relazzjoni kuntrattwali bejn il-kontendenti, ma jfissirx b'daqshekk li l-appellat hu responsabbli għall-elettriku li ġie kkunsmat fil-perjodu meta l-ftehim li kellu mal-ARMS Ltd kien li fil-fond ma jkunx hemm servizz tad-dawl. Il-fatt li kien hemm dak is-servizz fil-fond mingħajr m'hemm prova li l-appellat kien b'xi mod involut sabiex ikun hemm dak is-servizz, m'hijiex raġuni li kellha twassal sabiex il-każ ikun deċiż favur l-appellanti. Mill-atti jidher li l-konsum tal-elettriku li tiegħu l-appellanti tippretendi li għandha jedd għall-ħlas kien riżultat ta' aġir illegali, li m'hemmx il-prova wettqu l-appellat. Fiċ-ċirkostanzi l-appellanti ma kkonvinċitx lil din il-qorti li kellha jedd titlob il-ħlas mingħand l-appellat.

**Għal dawn il-motivi l-qorti tiċħad l-appell tal-kumpannija appellanti bl-ispejjeż kollha kontriha.**

Anthony Ellul.